MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 29 – 4 Leġiżlatura**

**Is-Sibt 20 ta' April 2024**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' Ferretti Restaurant, Triq il-Qajjenza, Birzebbuga u b'mod virtwali fil-11.15am.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Sindku Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |
| Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |
| Sindku tal-Marsa | Is-Sur Josef Azzopardi |
| Sindku Santa Venera | Is-Sur Stephen Sultana |
| Sindku Marsaskala | Is-Sur Mario Calleja |
| Sindku Santa Luċija | Kapt Charmaine St John |
| Kunsillier Ħamrun | Is-Sinjura Carmen Borg |

| | |
|---|---|
| Kunsillier Ħal Luqa | Is-Sur Fredrick Aquilina |
| Kunsillier Santa Luċija | Is-Sur Fredrick Cutajar |
| Kunsillier M'skala | Is-Sur Charlo Mifsud |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| Viċi President/Sindku | Dr Marija Sara Vella Gafa |

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Xejn

ASSENTI

Sindku Doris Abela, Sindku Nutar Josef Masini u Sindku Stephen Grech

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Sa. Mariella Strout | Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Il-president is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

**29.1** **Qari tal-ittri ta' Apoloġija;**

29.1.1 Il-President informa li Kunsill ma kienx hemm ittri ta' apoloġija

**29.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

29.2.1 Il-President ressaq il-Minuti ta' tmienja u għoxrin (28) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

29.2.2 Wara mozzjoni mressqa mil-Kunsillier Carmen Borg u s-sekondat mis-Sindku Mario Calleja, il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

29.2.3 **Kunsiderazzjoni mill- Minuti**

**Preżentazzjoni ta' plakka kommemorattiva-Sena Reġjun Kulturali**

Il-president irringrazzja lil Sindki u l-kunsilliera ta' l-attendenza tagħhom għal attività' li kienet għada kif intemet . Huwa kompla sabiex irringrażżjhom ta' sehem tagħhom waqt il-leġislatura li għaddiet u l-impenn tagħhom fil-lokalitajiet rispettivi tagħhom.

**Tournanment tal-Futbol**

Il-President fakkar li ser jiġi organizzat futbol tournament bejn in-nurseries f'ħdan ir-Reġjun nhar issir Sibt filgħodu fl'25ta' Mejju 2024. Kif kien infurmat il-Kunsill waqt l-aħħar laqgħa, il-loġistika u l-organizzazzjoni ser jieħu ħsieba is-Sur James Fenech. Il-President appella sabiex is-Sindku jew Kunsillier responsabbli mill is-sport jkunu preżenti.

**Kollaborazzjoni ma l-Esplora**

Il-president fakkar lil membri preżenti dwar dan il-kollaborazzjoni fejn il-Kunsill jistaw jibbenifikaw prezz ridott jekk jixtiequ jorganizzaw attivitajiet ma' L-Esplora skont il-kommunikat li ntbagħat. Ir-Reġjun ser jerġa jiltaqgħa ma l- Esplora ħalli jikkordina żewg proġetti fejn ser ikun qed jinvolvi il-lokalitajiet.

**Attivitajiet -San Girgor**

Il-president informa illi l-attività ta' San Girgor li ġiet organizzata mill-kunsill ta' Żejtun kienet ta' suċċess. Għal din l-okkażjoni ir-reġjun ipprovda transport min lokalitajiet . Il-

kunsilliera preżenti esprimew li residenti li attendew ħadu pjaċir u kellhom kliem ta' tifħir għal organizzazzjoni.

**Tnedija Tal- EV Van**

Il-President fakkar li tnedija tal-EV Van li nxtara b'fondi mil-Skema Lesa 'Proġetti fil-Komunità' ser issir nhar 24 ta' April 2024 fl-10am fejn it-Tribuna Ħal-Qormi. Għal din it-tnedija ser ikunu preżenti il-Ministru Byron Camilleri u Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli. Is-Sindki huma mistiedna li jattendu.

**29.3** **Komunikazzjoni mill-President;**

29.3.1 **Skart mixed min skips mhux awtorizzati mir-Reġjun**

Il-President irrefera għas-suġġett li kien diskuss waqt l-aħħar laqgħa ( item Affarijiet Oħra) fejn kien informa li kienet saret laqgħa mal-Wasteserve dwar tunnellaġġ ta' mixed waste min skips li ma kienux awtorizzati mir-Reġjun bejn April 23 u Diċembru 23. F'Jannar 2023 ir-Reġjun kien informa li dawn l-iskips ma humiex ta' Reġjun u kellhom jitneħħew mir-rapporti u mil-ispiża. Il-Wasteserve infurmaw illi ma jistawx jagħtu lura dawn l-ispejjeż. Il-president tenna li dan l-aġir mhux aċċettabbli u għalhekk tintalab parir min għand l-avukat ta' Reġjun. Huwa żid li din il-kwistjoni qed tiġi diskussa ma Dipartiment f'isfond li l-Wasteserve qed jinssistu li ma jagħtux lura l-ammont ta' madwar 200,000 ewro.

29.3.2 **Direttiva COLA**

Rigward id-direttiva sabiex ma tibqax tiżdied il-COLA mal-fattura, il-president qal li il-kuntrattur ġie m'għaraf. Min naħa tiegħu il-kuntrattur qal li kien ser jieħu parir legali.

**29.4** **Item: Ħruġ ta' Tender riabilitazzjoni ta' Binja Amministrattiva**

Il-President informa li saret laqgħa ma Assistant Direttur ta' SPD. Wara li saru numru ta' verifiki jirriżulta li fil-parti tal-BOQ fejn kellha tkun inkluża l-istima ta' l-mechanical u Engineering ma kienetx inkluża. Għalhekk reġgħet intalbet stima ġdida lil Inġinier. Din l-istima telgħet għal 200,000 elf. Bħala total ta' l-istima kollha is-somma ġiet 800,000 li tinkludi Civil Works, finishing u M & E.

Il-Kunsill approva l-istima 800,000 ewro

**29.5** **Item: Item: Aġġornament LESA - Fondi għall-Infurzar waqt l-attivitajiet fil-Lokal**

Il-President informa li min nhar is-Sibt 11 ta' Mejju 2024 ser tibda topera t-tieni skema ta' fondi għall-infurzar waqt l-attivitajiet. Għaldaqstant qed jiġi propost li talba għal rimbors titella sa 1000 ewro peress li wara l-iskema ta' l-ewwel sena kien għad baqa' fondi sostanzjali x'jista jingħata lil għaqdiet jew lil Kunsilli. B'mod Amministrattiv ser

jibqa' kollox l-istess bħall-ewwel skema jiġieifieri l-proċeduri għal talba ta' rimbors ser jibqgħu l-istess. Dan ser ikun jgħodd kemm għal Kunsilli kif ukoll għal kull Għaqda f'kull lokalità rispettiva li tifforma parti mir-Reġjun.

Il- President tenna li talbiet għal rimbors taħt l-ewwel skema ser ikunu aċċettati biss sal- Ġimgħa 10 ta' Mejju 2024. Wara din id-data kwalunkwe talba li ssir sabiex ikunu rimborsati lura attivitajiet fil-lokal li jkunu saru matul is-sena 2023 mhux ser ikunu aċċettati aktar. Dan minħabba l-fatt li jkun ġie eżawriet iż-żmien allokat għall-ewwel skema. Huwa ħeġġeġ sabiex jekk għad hemm talbiet pendenti dawn jitresquhom fl-iqsar żmien possibbli sabiex ikunu jistgħu jiġu proċessati.

Il-Kunsill qabel mal-proposta li rimbors jitla sa 1000 ewro

**29.6** **Item: Ħruġ ta sejħa għal Assistant Prinċipal Skala 11**

Il-President informa li l-Uffiċjal Eżekuttiv kienet waslet f'fazi li tista t'progressa għal Assistant Principal. Il-proċedura titlob li trid tinħareġ sejħa interna għalhekk qed tintalab l-approvazjoni tal-Kunsill dwar jekk jaqbilx ma din il-progression.

Il-Kunsill qabel li tinħareġ sejħa.

**29.7** **Skeda ta' Pagamenti;**

29.7.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 04/24A-1 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

29.7.2 Wara mozzjoni mressqa min Kunsillier Sa. Carmen Borg u sekondat Kunsillier is-Sur Charlo Mifsud il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

**29.8** **Rapporti**

Ma kienx hemm rapporti

**29.9** **Affarijiet Oħra**

29.9.1 Is-segretarju Eżekuttiv infurmat li fil-jiem li ġejjien tista' tintlagħab laqgħa b'urġenza sabiex jiġi preżentat ir-rapport Finanzjarju 2023 hekk kif jitlesta l-awditjar ta' l-istess sena.

**29.10** **Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;**

29.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-12.45pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 21 ta' Mejju 2024 fil-17.30 pm.

Konfermati llum 21 ta' Mejju 2024___________________

Jesmond Aquilina

President

Mariella Strout

Segretarju Eżekuttiv